# Varia Atque Breviora

## LINGUISTICA U FOLKLORE

*Ta'* A. CREMONA

### IL-KELMA MISRAH

Definizzjoni: Id-definizzjonijiet ta' *misraħ* mogħtijin minn xi storiċi u lessikografi huma dawn li ġejjin:—

ABELA-CIANTAR (1647-1772) (Malta Illustrata) jagħtu din id-definizzjoni taħt *Misraħ* (*Kola*): quel piano, o sia piazza, che hanno (i Maltesi) nei villaggi, dove nei giorni festivi si radunano a discorrere e passare le ore oziose.

DE SOLDANIS (AGIUS) (1750) jagħti din it-tifsira: Aprico, campo, pianura, landa, lama. *Misraħ magħżuq*: campo zappato. *Misraħ bix-xewk*: Spineto. *Misraħ tas-Suq*: piazza. Lat. platea.

VASSALLI, M.A. (1796): Piazza aperta. Lat. Planities ampla ante habitacula.

FALZON, G.B.: Piazza aperta e grande ove si può lottare, correre, giuocare.

CARUANA, A.E. (1903): Piazza che si estende dirimpetto alla chiesa del villaggio, dove i contadini sogliono radunarsi alla sera dopo il lavoro, largo. Jorbot il-kelma mal-kelma *serħ*.

PRECA, A (1904): Spianata o un largo qualunque nascente da irregolarità nelle strade dei casali, che nelle città sarebbe un sacrilegio chiamare le piazze (fossero anche le più microscopiche) con questo nome. Preca jnissel dil-kelma mill-mamma *seraħ*.

DESSOULAVY, C.L. (1938): An open space. Inissel il-kelma mill-Għarbi: *masraħ*, sing. *msâriħ*, plur. Jirriferixxi għan-nom *Serħ*. Jinnota wkoll il-kelma Għarbija *masragħ*, mill-mamma *saragħ* (fil-Malti s-sitt forma *issâra*, Għarbi *itsara*) li minnha setgħet ġiet il-kelma Maltija *misraħ* (?).

BARBERA GIUSEPPE (1940): *Masraħ*, sing. *msâriħ*, plur.: Piazza aperta e grande ove si può lottare, correre, giuocare (lett. prato).

*Nisel il-Kelma*: Skond it-tifsira li jagħtu l-lessikografi li semmejna kull min jiġi biex jifli n-nisel ta' dil-kelma iktarx li jaħseb li dil--kelma setgħet tnisslet jew minn *seraħ* (Għarbi *sáraħa*) li għall-ewwel kienet tfisser: *ħeles*, *ħelles*, *ta l-libertà*; b'tifsira

oħra ta' : *ta l-mistrieħ*, bin-nom : *serħ* (Vassalli); jew minn *Issâra*, u għalhekk : *misraħ*, post fejn *jissaraw*, *jilagħbu* (Falzon); iżda din l-aħħar tifsira mhux ta' min jorbot fuqha, kif jidher ċar iżjed il quddiem.

Il-Prof. Saydon f'*Il-Malti* ta' Ġunju, 1931, paġ. 53, taħt il-kelma *Misraħ*, igħid li fil-Għarbi l-kelma *serah* (minn fejn *misraħ*) tfisser *ħa l-merħla tirgħa*, eċċ.; *u ħadha barra* (*mill-maqjel*) *fil-wisa'*; għalhekk *misraħ* ifisser *imkien fejn il-merħla tirgħa; wesgħa fejn wieħed jista' jimxi u jdur ħieles minn kull għaliq*.

Sew il-kelma Għarbija *sáraħa* u l-isem imnissel minnha *misraħ* għandhom is-sens ewlieni ta' : *ragħa* (il-merħla), *mexxa*, *saq* (il-merħla), *ragħa fil-beraħ*, *fil-libertà*. Fit-tieni forma *serraħ* hemm ukoll is-sens intensiv ta' : *ħelles*, eċċ. u fin-nom *misraħ* is-sens ewlieni ta' *mergħa*, post fejn jirgħu jew jitilqu fil-libertà l-bhejjem (Freytag u Hava). Is-sens ta' *libertà*, *ħelsien* fil-mamma *seraħ* jaqbel ma' dak li jagħti Vassalli fil-kelmiet : *seraħ*, *serraħ* : *Curis solvo et libero facio*, għalhekk, ukoll f'sens sekondarju : *quiescere facio*, *quietem praebeo*. Tal. Dar riposo. *Serħ* : *Libertas*, kif ukoll is-sens ta' : *quies*, *requies*, Tal. *Riposo*, *quiete*, sens li nsibuh fin-nom *misraħ*, post tal-mistrieħ.

Kliem li jaqbel fil-forma morfoloġika u fis-sens mogħti fil-vokabularji Maltin insibuh ukoll fid-djaletti Għarbin. Qabbel l-Għarbi ta' l-Alġerija (Cherbonneau). *Sáriħa* — Agir en toute libertà; circuler liberament; avoir le champ libre. *Sarraħ* : Laisser paitre. Mettre en libertè, donner la libertè.

It-tifsira verbali tal-kelma Maltija *issâra* (fis-6 forma) taqbel ukoll mat-tifsira mogħtija fl-Għarbi ta' l-Alġerija (Cherb) tal-verb *sara(għ)* : Lutter corps à corps. L-isem *masra(għ)*, imnissel mill-għerq *s-r-għ*, u li jfisser : arena, kamp tal-battalja (lice, arene) qajla jista' jitqabbel mal-kelma Maltija *misraħ* iżjed mill-kelma Għarbija *masraħ(a)*, li għandha s-sens ta' mergħa, post ta' mistrieħ .tal-libertà eċċ Tarġa' fil-Malti l-*għ* fil-kelma *masra(għ)* kienet tibqa' siekta.

*Għeluq* : Il-kelma Maltija *Misraħ* iktarx, għalhekk, b'tusigħ ta' tifsir (semantika) ħadet maż-żmien it-tifsira ta' *wesgħa* fl-irħula, u l-iktar ta' dawk il-wesgħat ta' quddiem il-knejjes fejn in-nies tar-raħal jinġemgħu għal fil-għaxija wara x-xogħol biex iqattgħu xi siegħa jitħadtu; post fejn dawn isibu l-faraġ u l-mistrieħ tagħhom. Għall-ewwel forsi hawn Malta wkoll il-kelma

*misraħ* kellha t-tifsira ewlenija ta' *mergħa*, fejn *ir-raħħâl* kien jitlaq il-merħla jew bhejjem tiegħu jimirħu u jirgħu, iżda mbagħad l-istess kelma *misraħ* ħadet it-tifsira sekondarja ta' kull *wesgħa fil-beraħ*. Qabbel: *Misraħ Għonoq*; *Misraħ il-Barrieri*; *l-Imsieraħ*, imbagħad fl-aħħar it-tifsira ta' wesgħa fl-irħula, l-iktar ta' dawk il-wesgħat li fl-irħula huma mdawrin bil-bini, b'mod partikulari dawk il-wesgħat ta' quddiem il-knisja.

## KLIEM MALTI FEJN IL-CA (K) TALJANA SARET QAF FIL-MALTI

Qaqoċċ — minn cacocciu (Sqalli).
Qroll minn corallo.
Qorti minn corte.
Qanniċċ minn canicciu jew cannizzu (Sqalli).
Qanpiena minn campana.
Qroqqa minn chioccia (Għarbi, Sirja, *Qruqa*).
Qastan minn castagno (*).
Qmis minn cammisa (Sic.) u camisia (Lat. volg.) (*).
Qassata minn cassata (*) (Tal.-Sqalli).
Qannata minn cannata (*) (Sqalli).
Qoffa minn coffa (Sqalli) (*).
Nieqa minn naca (Sqalli) (*).
Qarnita minn carnutus (Lat. volg.).
Ċagħka minn ciaca (Sqalli) (*).
Qalfat minn calafatari (Sqal.) (*).
Qarweż minn carusari (Sqal.); carusu (Sqal.) (*).
Qubbajt minn cubbajta (Sqal.) (*).
Qalziet minn calza (fil-plural Malti ta' calza).

*Nota*: Il-kliem immarkat (*) wara l-kelma Taljana jew Sqallija iktarx li hu ta' nisel Għarbi, iżda l-kelma iktarx waslet għandna mill-Isqalli jew mit-Taljan.

'Il quddiem infissru fuq l-isvilupp lingwistiku ta' xi kliem.

## ISMIJIET TAL-BRIMB

Il-Ħaddiema
Il-Ġerrejja
Il-Qabbeżija
Il-Mistoħbija
Il-Botnija
L-Imtebbgħa
L-Irmedija
Il-Għassiesa
L-Imdendla
Il-Qastnija

Il-Kaħlanija
Is-Sewdenija
Tar-Raddiena
Il-Ħamranija
Il-Ħadranija
Il-Bebbuxija
L-Imriegħda
L-Imrekkna
Il-Magħluba
Tas-Salib
Il-Baħrija
In-Niexfa
Is-Safranija
Tal-Bajtar
In-Nissiega
L-Imsewfa
Il-Għażżiena
Il-Bieżla
Il-Għaġġelija.

---

## TIBDIL TA' VOKALIZZAZZJONI MIT-TALJAN, SQALLI, GHALL-MALTI

Il-Malti ma jaħmilx il-vokali *u* maħtufa aċċentata ta' kliem Taljan jew Sqalli u jibdilha f'*o*, f'*i* jew f'*u* twila.

| *Taljan jew Sqalli* | *Malti* |
|---|---|
| Ciurma | Ċorma |
| Busso, bosso | Bux |
| Burgu (Sqal.) | Birgu |
| Suppa | Soppa |
| Gusto | Gost |
| Fungo (Tal.), funcia (Sqal.) | Fonġa |
| Cupola | Koppla |
| Mummia | Mumja |
| Giubba | Ġobba |
| Pugno | Ponn |
| Frutto | Frott |
| Muffa | Moffa |
| Grungu | Gringu |
| Turco | Tork |
| Frusta | Frosta |
| Sulla | Silla |
| Spugna | Sponża (Sqal. *sponza*, *sponsa*). |
| Gruccia | Krozza (Sqal. *crozza*). |